Fontana

Minuti tat-tlieta u ghoxrin (23) laqgha tal-Kunsill Lokali Fontana li ssejhet b'urgenza nhar it-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2009, fil-5.30 ta' wara nofs in-nhar.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Vici Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |

Agent Segretarju Ezekutiv: Is-Sinjorina Josephine Borg

Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, Saviour Borg
L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet it-talba.

Is-Sindku qal li din il-laqgha qed tissejjah b'urgenza ghar raguni li l-Iskema Premju Lokalitajiet Indafa, ser taghlaq il-gimgha d-diehla. Il-Kunsill kien qabel li jaghti basktijiet u boroz ta' l-iskart u fuljett. Is-Sindku qal li l-boroz ta' l-iskart inxtraw u waslu u anke l-fuljett li qed isir dwar kampanja edukattiva fil-Fontana li ser jitqassam f'kull residenza, imma l-basktijiet li l-Kunsill ordnahom lil Mario Camilleri, ghadhom ma gewx. Is-Sindku qal li l-Kunsill jrid javza lid-Dipartiment biex jigu r-raprezentanti tieghu, waqt l-attivita li trid issir ghall-okkazjoni. Mario Camilleri kien wieghed li l-basktijiet ikunu hawn fl-ahhar ta' Settembru, imbaghad fis-16 ta' Ottubru u issa suppost fis-26 ta' Ottubru.

Ghalkemm Mario Camilleri, permezz ta' telefonata waqt il-laqgha, ikkonferma mal-Vici Sindku li l-basktijiet ser ikunu hawn nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2009, peress li s-Sur Camilleri qal li jridu jaslu mic-Cina, is-Sindku issuggerixxa li l-Kunsill igib ammont ta'

basktijiet minghajr l-arma tal-Kunsill, minhabba l-attivita tal-Kampanja ghal aktar Indafa fil-Lokalita'. Is-Sindku qal ukoll li Mario Camilleri kien ippropona li jaghmel ammont ta' basktijiet bl-arma tal-Kunsill hawn Malta, izda bi prezz ghola. F'dawn ic-cirkostanzi il-Kunsill qabel li jordna 100 basket bla arma tal-Kunsill u jekk jaslu dawk l-ordnati, l-ohrajn jinghataw lura. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet lil Kunsill biex tinghata attenzjoni ghall-ispejjez, u staqsiet lil Kunsill minn fejn ser jithallsu dawn l-ispejjez ghax mas jistghux jithallsu mill-allokazzjoni tal-fondi. Il-Kunsill qabel li l-ispejjez jithallsu mill-fondi li jinghataw.

Is-Sindku qal li c-cerimonja l-izjed tard li tista issir hija nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2009. Il-Kunsill qabel u ghalhekk ghandu jigi avzat d-Dipartiment b'din id-data.

Il-laqgha spiccat fis-7.00p.m.

| | |
|---|---|
| Josephine Borg | Saviour Borg |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |